MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 171/2010

**Go plc**

**Vs**

**Sovereign Hotels Ltd**

Permezz ta’ din il-kawza l-attrici qeghda titlob minghand il-konvenuta l-hlas ta’ tnax-il elf tlett mija u hamsin ewro u erbgha u tletin centezmu (€12,350.34), hlas ghall-servizz tat-telefon.

Il-konvenuta eccepiet li:-

1. L-azzjoni tal-attrici hi preskritta skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

2. L-attrici trid taghti prova li s-servizz hu registrat f'isem il-konvenuta, sabiex tigi ppruvata r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet.
3. M'hijiex debitrici tal-attrici tas-somma li qeghda tintalab.

Il-qorti rat l-atti kollha nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Il-kaz jittratta dwar servizz ta' kiri ta' *leased lines* li tat l-attrici.

B'riferenza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-provi jirrizulta li:-

i. Fis-6 ta' Frar 2009 l-attrici pprezentat ittra ufficjali fejn interpellat lill-konvenuta thallas €12,295.07, u n-notifika saret fit-12 ta' Frar 2009.
ii. Ghalhekk ghall-perjodu bejn 6 ta' Frar 2009 u 6 ta' Frar 2004 kellek interruzzjoni tal-preskrizzjoni.
iii. B'riferenza ghall-perjodu ta' qabel 6 ta' Frar 2004, jidher li sar hlas fis-26 ta' Novembru 2003. Il-qorti m'hijiex sodisfatta li dan kien hlas li l-attrici qabdet u minn jeddha applikatu ghal dan il-kont. Jidher li dan kien il-perjodu ta' transizzjoni meta Azzopardi kien fil-process li jiehu taht idejh it-tmexxija tal-kumpannija.

Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ser tigi michuda.

L-attrici pprezentat sitt skritturi privati ghal *Leased Line* fil-lukanda Sovereign Hotels Ltd, tnejn minnhom bid-data tas-7 ta' Mejju 1998 u l-ohrajn bid-data tat-23 ta' Mejju 1998. L-iskritturi kienu ffirmati minn certu Christopher Brincat li kien impjegat mal-kumpannija konvenuta. Fir-rigward ta' dawk iffirmati fis-7 ta' Mejju 1998 jinghad li kien qieghed jiffirma *proprio et nomine*, filwaqt li fl-iskritturi tat-23 ta' Mejju 1998 ma jinghad xejn. Mill-istess dokumenti hu evidenti li l-linji tpoggew fil-lukanda The Windsor Hotel, li hi tal-kumpannija konvenuta. Is-sitt kuntratti ghandhom l-istess customer number, 1022976[1]. Il-qorti m'ghandix

[1] Fol. 17-22.

dubju li s-servizz kien inghata lil Sovereign Hotels Limited. Ghalkemm ma jirrizultax jekk Brincat kellux awtorita li jiffirma ghan-nom tal-kumpannija, il-qorti hi tal-fehma li:-

i. Is-servizz hu fil-fatt registrat f'isem Sovereign Hotels Ltd. In-numru tal-kljient hu l-istess ghal kull kuntratt. Fl-iskritturi tas-7 ta' Mejju 1998 tissemma espressament Sovereign Hotels Ltd bhala l-utenti.

ii. Fis-zmien li tpogga s-servizz fil-lukanda, Ronald Azzopardi ma kellux it-tmexxija tal-kumpannija. Ghalhekk m'huwiex f'posizzjoni li jkun jaf x'istruzzjonijiet kienu qeghdin jinghataw lill-impjegati. Mix-xhieda li nghatat minn Paul Busuttil fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2011, jirrizulta kif per ezempju kienet saret applikazzjoni minn Jean Borg bhala Managing Director ta' Sovereign Hotels Limited. Ronald Azzopardi, rapprezentant tal-konvenuta, ikkonferma kif sal-1999 kien imexxi Jean Borg.

iii. Il-presunzjoni ghandha tkun li Brincat kien awtorizzat li jiffirma l-iskritturi ghan-nom tal-kumpannija. L-ahjar prova kienet certament tkun l-istatut tal-kumpannija, pero dan ma giex prezentat minn Ronald Azzopardi.

F'kull kaz ma nghatat l-ebda eccezzjoni li l-firmatarju tal-iskrittura ma kellux l-awtorita li jiffirma ghan-nom tal-konvenuta.

Ghal dak li jikkoncerna s-somma li qeghda tintalab il-hlas taghha, l-attrici llimitat ruhha biex tipprezenta rendikont[2]. Skond il-kuntratti u dan id-dokument, in-numri tat-telefon kienu 3278, 4566, 4567, 4568, 4570 u 4571. Fir-rendikont hemm kolonna “Trans Type” li Paul Busuttil iddeskrivihom b'dan il-mod[3]:

- **DBLGEX** – Spejjez Legali.
- **CHLP** – Late payment interest.
- **CHRent** – Kera ghas-servizz.
- **DBCHR** – Adjustment payment, refer to drawer.

---

[2] Fol. 4.
[3] Seduta tad-19 ta' Mejju 2011.

- **CHMIGR** – Migration fee.
- **PYAC** – Payment on account.
- **CRRERF** – *'refund fuq ir-rent biex tigi aggustata r-renta sad-data tar-removal tas-servizz biex jigi pro rata ezatt sad-data tar-removal.'*[4].
- **CHREPR** – ma nghata l-ebda taghrif dwar x'ifissru dawn l-ittri.

Fil-fehma tal-qorti dan id-dokument mhu sodisfacenti xejn u ma nghatax spjegazzjoni adegwata dwar il-kontenut tieghu. F'dan ir-rigward jinghad li dwar:-

i. Spejjez legali ghandhom jintalbu mhux bhala parti mis-sorte;

ii. *Late payment interest* - ma nghatat l-ebda prova minn fejn jirrizulta li Go plc ghandha l-jedd tippretendi hlas ta' din is-somma u sahansitra zzidu mas-sorte. Jidher li dan il-hlas beda jizdied minn Frar 2005;

iii. Jekk CRRERF qeghda tirreferi ghall-aggustament ta' kera sad-data li tnehha s-servizz, x'inhi r-raguni li wara t-transactions tas-26 ta' Ottubru 2005 u 27 ta' Ottubru 2005 il-konvenuta baqghet tippretendi l-hlas ta' kera ghal kull xahar ? L-attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar dan. Jekk ma kienx hemm servizz, xi hlas hu dovut meta tqies li Paul Busuttil xehed li ghas-servizz tithallas rata fissa ghal kull xahar[5] ? Il-qorti ma tistax taghlaq ghajnejha u taccetta d-dokument li pprezentat l-attrici bhala prova li l-ammont ta' €12,350.34 hu dovut. Mid-dokument a fol. 4 jirrizulta li fl-1 ta' Novembru 2005 inhargu sitt kontijiet, kull wiehed ghas-somma ta' €584.44. F'dik l-istess gurnata nghata credit lill-klijent ta' €9.97 ghal sitt darbiet. Il-qorti qeghda tifhem li kull kont jirreferi ghal *leased line*. Lanqas ma nghatat spjegazzjoni ta' kif fil-kontijiet qabel Novembru 2005 il-kera kienet ta' €5.45 ghal kull xahar, u mbaghad l-ammont zdied konsiderevolment. B'effett mill-1 ta' Novembru 2005 il-kera kienet ta' €318.8 kull xahar. L-istess ma nghatatx spjegazzjoni ta' kif fl-1 ta'

[4] Paul Busuttil ufficjal tal-attrici (fol. 38).
[5] Seduta tat-12 ta' Dicembru 2011.

Novembru 2005 inhargu sitt kontijiet kull wiehed ghal €584.44 (total ta' €3,506.64). Hu l-oneru tal-attrici li tikkonvinci lill-qorti li l-ammont li qeghda titlob hu verament dovut. Fil-fehma tal-qorti it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta hi gustifikata fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Novembru 2005 'il quddiem.

Mhux l-istess jinghad ghall-perjodu ta' qabel Novembru 2005, b'dan li hlas ghal *late payment* mhux ser jigi inkluz fil-kalkoli li ser taghmel il-qorti.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni bl-ispejjez ghall-konvenuta.**
**2. Tichad it-tieni eccezzjoni bl-ispejjez ghall-konvenuta.**
**3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni parzjalment b'dan li tilqa' t-talba tal-attrici limitatament ghas-somma ta' tmienja u disghajn ewro u tnejn u sittin centezmu (€98.62) u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuta thallas din is-somma.**

**Spejjez jkunu a karigu tal-attrici u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Frar 2009.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------